**29 ta' Mejju, 1959**
**Imhallef:—**
**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**
George Parnis England ne.
*versus*
Henry England ne.

**Danni — Noleġġ — Ġurisdizzjoni — Rappreżentanza Ġudizzjarja — Art. 743(g) tal-Proċedura Ċivili.**

*L-azzjoni li biha l-attur jeżegwixxi d-drittijiet tiegħu derivanti mill-polza tal-kariku għal riżarċiment ta' danni derivanti minn inadempjenza kontrattwali, minn nuqqas ta' eżekuzzjoni preċiża ta' obligazzjoni derivanti mill-kuntratt ta' noleġġ, li hi obligazzjoni neċessarjament eżegwibbli f'dawn il-Gżejjer, tidħol fil-ġurisdizzjoni tat-tribunali tagħna, billi l-persuna li assumiet dik l-obligazzjoni tinsab f'dawn il-Gżejjer fil-persuna tar-rappreżentant tagħha riferibbilment għal dik l-obligazzjoni.*

*Ir-rappreżentant lokali tal-armatur esteru, mbgħad, avvolja kien sempliċement konsenjatarju tal-bastiment għal dik id-darba biss li l-bastiment kien Malta, u hekk kien mandatarju okkażjonali bil-fakoltajiet tiegħu limitati għall-operazzjonijiet attinenti u konsegwenti għall-fatt tal-karikazzjoni u tal-iskarikazzjoni ta' bastiment determinat, għandu r-rappreżentanza attiva u passiva tal-armatur għal dawk l-operazzjonijiet speċifiċi, u kwindi hu persuna leġittima biex jirrappreżenta lill-armatur f'azzjoni għad-danni pretiżi minn eżekuzzjoni ħażina ta' obligazzjoni assunta għat-trasport ta' merkanzija u għad-danni konsegwenzjali.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur nomine, wara li ppremetta illi hu xtara minn għand id-ditta "Izzat El Kadry & Co." ta' Damasco 95 tunnellata "cotton seed cake" insakkati f'1408 xkejjer, bil-prezz ta' £2090 c.i.f. Malta; liema merċi waslet f'Malta fid-9 ta' Frar 1959 mal-Bastiment S.S. Stortemelk; u li parti minn dik il-merkanzija, u ċjoè 241 xkora, tgħabbew fuq il-gverta fil-vjaġġ minn Lattokja sa Malta, u dan mingħajr awtorizzazzjoni

tiegħu; u li minn dik il-partita ta' 241 xkora kwantità minnha sofriet ħsara u ġiet distrutta b'ordni tal-Awtorità Sanitarja; talab illi l-konvenut nomine jiġi dikjarat responsabbli tad-danni minnu sofferti minħabba l-ħtija tal-istess konvenut nomine, li jiġu likwidati f'dan il-ġudizzju jew f'ieħor separat; u fil-każ li jiġu likwidati f'dan il-ġudizzju, l-istess konvenut nomine jiġi kundannat iħallas lilu l-ammont li jiġi likwidat. Bl-interessi kummerċjali u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-protest tas-16 ta' Marzu 1959;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut nomine, li ssottometta:— (1) Illi din il-Qorti ma għandhiex ġurisdizzjoni, la ordinarja u lanqas bħala Vice-Admiralty Court, biex tieħu konjizzjoni ta' azzjoni għad-danni sofferti fuq vapur meta dan kien fuq il-baħar liberu ("open sea"), u meta dan l-istess vapur ma għadux iżjed fil-port ta' Malta jew fl-ibħra territorjali tagħha; (2) Illi mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni, il-konvenut nomine mhuwiex persuna leġittima biex jidher f'dan il-ġudizzju, peress li ma għandu l-ebda fakoltà li jirrappreżenta l-vapur S.S. Stortemelk jew lill-armaturi tiegħu, u għalhekk għandu jiġi liberat "ab observantia"; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Tikkunsidrat, dwar iż-żewġ eċċezzjonijiet fuq riferiti, wara li semgħet lid-difensuri;

Illi l-azzjoni eżerċitata mill-attur nomine hi dik ta' min jeżerċita l-azzjoni bid-drittijiet lilu derivanti mill-polizza tal-kariku, għal rižarċiment ta' danni derivanti minn inadempiment kontrattwali, minn nuqqas ta' eżekuzzjoni preċiża ta' obligazzjoni derivanti mill-kuntratt ta' noleġġ, obligazzjoni neċessarjament eżegwibbli f'dawn il-Gżejjer, u kwindi tidħol fil-ġurisdizzjoni tat-tribunali tagħna in bażi għar-regola sanċita fl-ittra (g) tal-art. 743 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, billi l-persuna li assumiet dik l-obligazzjoni tinsab f'dawn il-Gżejjer fil-persuna tar-rappreżentant tagħha riferibbilment għal dik l-obligazzjoni; ilgħaliex, anki jekk il-konvenut nomine kien sempliċement konsenjatarju tal-bastiment fuq imsemmi, magħmul mill-

armatur biss għal dik id-darba li l-bastiment instab f'Malta, għalkemm il-fakoltajiet ta' mandatarju okkażjonali simili u limitat għall-operazzjonijiet attinenti u konsegwenti għall-fatt tal-karikament u tal-iskarikament ta' dak il-bastiment determinat f'kull post singolu, anki dawk il-mandatarji okkażjonali, però, għandhom ir-rappreżentanza fil-kawżi attivi u passivi għal dawk l-operazzjonijiet speċjali. Dan hu konformi għal-liġi tagħna dwar ir-rappreżentanza, billi anki l-mandatarju b'mandat speċjali għandu r-rappreżentanza tal-mandant, tant attivament kemm passivament, għal dak li għandu x'jaqsam mal-affari li tidħol fil-mandat meta l-mandant innifsu jkun nieqes mill-Gżira li fiha l-kawża għandha ssir. Hija għaldaqstant insostenibbli anki t-tieni eċċezzjoni;

U kwindi tirrespinġi ż-żewġ eċċezzjonijiet fuq riferiti, sollevati mill-konvenut nomine; bl-ispejjeż kontra tiegħu.